MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2008

Avviz Numru. 36/2006

**Rudolph Cini, Colin Galea u Maryanne Bugeja f'isimhom personali u f'isem Paul Pace, l-istess Colin Galea u George Saliba fil-vesti taghhom bhala President, Segretarju Generali u Tezorier rispetivament ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Union of Midwives and Nurses (MUMN)**

**Vs**

**Jesmond Sharples**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz ipprezentat il-Qorti mill-atturi nhar is-sitta (6) ta' Frar 2006 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lil konvenut, prevja dikjarazzjoni, li l-artikolu '*Putting the Patient First?'* ippublikat f'pagna hamsa (5) tal-gurnal 'The Malta Independent' ta' nhar it-Tlieta, tlita (3) ta' Jannar 2006 (vide Dok. A) li tieghu l-konvenut hu l-awtur, huwa libelluz u malafamanti fil-konfront tal-atturi, huma jew min minnhom, u jesponihom, lilhom jew min minnhom ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku, ihallas lill-atturi,

huma jew min minnhom dik is-somma li tigi ffissata minn din l-Onorabbli Qorti f'ammont li ma jeccedix LM5,000 bhala danni ghal malafama a tenur tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Jesmond Sharples fejn eccepixxa:-

1. Illi l-atturi la huma ddentifikati u lanqas identifikabbli.
2. Illi l-pubblikazzjoni mhix libelluza, billi tammonta ghall-'*fair comment*' u l-eccipjent huwa ntitolat jesprimi l-opinjoni u l-fehma tieghu a tenur tad-dritt fondamentali tieghu skond il-Ligi, il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.
3. Illi l-eccipjenti jirriserva li jaghti eccezzjonijiet ulterjuri wara li l-atturi jindikaw liema parti jew partijiet tal-pubblikazzjoni qed iqisu defamatorji fil-konfront taghhom.

Illi l-attur **Rudolph Cini** xehed nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta' Gunju 2006 u kkonferma li dakinhar huwa kien jokkupa l-kariga ta' President tal-Malta Union of Midwives and Nurses (MUNM) u flimkien mas Segretarju Generali, huwa jmexxi din il-Union.  Jghid li din il-Union ghandha elfejn membru. Jghid li restrizzjoni ta' sess ghal min irid jidhol membru, ma hemmx, ghalkemm hemm aktar nisa milli rgiel w in oltre, is-sezzjoni tal-Midwives huma kollha nisa.

Jghid li huwa qed jilmenta minn dak miktub mill-konvenut fl-artikolu esebit fl-atti a fol 2, liema artikolu jghid li nkiteb in risposta t'artikolu li rraporta ntervista tieghu li deher fil-gurnal 'The Malta Independent' nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Dicembru 2005, kif jidher minn kopja esebita u markata bhala Dok. RC 1, li huwa wkoll intitolat 'Putting the Patient First'.  Jghid li l-artikolu tal-konvenut igib l-istess isem, bid-differenza li jghamel punt interogattiv fl-ahhar.

Jispjega li l-ilment tieghu jikkoncerna dak miktub fl-ahhar hames paragrafi tal-artikolu fuq imsemmi, liema paragrafi jinsabu ndikati bl-ikħal fuq il-kopja esebita fl-atti.  Jghid li dak li rrapporta l-konvenut, jitfa dubbju fuq dak li kien

intqal minnu precedentement fl-intervista li kien irrilaxxja. Jghid li l-Union m'ghandhiex affiljazzjonijiet politici u f'dak li kiteb l-konvenut, jista jintfiehem li l-Union ghandha xi xaqliba politika. Iħoss ruhu ngurjat ukoll meta l-konvenut ighid li l-manjera ta' kif titmexxa l-Union, hija wahda '*chauvinistic u discriminatory*'. Fil-fatt jghid li kien hemm hafna membri li lmentaw dwar l-uzu taghhom.

Jghid li jhoss ruhu ingurjat ukoll meta l-konvenut fl-artikolu tieghu jindika li l-Union taghmel xi diskriinazzjoni bejn is-sessi meta dan mhux minnu xejn ghaliex fil-fatt hemm nisa li jokkupaw karigi amministrattiva fosthom il-Vici President u l-Financial Secretary. Ihoss li dawn il-kummenti li ghadda, jaffettwaw l-integrita tal-Union u l-fama li tgawdi kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Jikkonferma li l-Union hija wkoll membru t'organizazzjonijiet Internazzjonali, fosthom dik l-organizazzjoni li taghha huwa membru. Jghid li l-artikolu tal-konvenut kien jinsab *on line* fuq il-*website* tal-gurnal w ghalhekk seta' jinqara madwar id-dinja kollha.

In kontr'ezami jghid li l-konvenut jokkupa l-kariga ta' Direttur tan-Nursing Services fid-Dipartiment tas-Sahha. Jispjega li fl-intervista tieghu jghid li fil-pajjiz hemm nuqqas ta' *staff* u bl-ebda mod m'allega li dan in-nuqqas ta' *staff* fil-pajjiz, gie nuqqas fuqna issa. Jistqarr li fis-sena 1997 u 1998 kien hemm ukoll nuqqas u l-Union kienet hadet passi sabiex tirrimedja dan in-nuqqas. Jghid li fl-ebda parti tal-artikolu tieghu ma jghid li fil-pajjiz hemm nuqqas akbar milli kien hemm qabel, jghid biss li illum hemm nuqqas serju u meta irrefera ghas-sena 1998, qal li anke dak iz-zmien kien hemm nuqqas serju.

Fl-intervista tieghu kif rapportata fid-Dok. RC 1 esebita fl-atti, huwa m'ghamel ebda referenza ghas-sitwazzjoni kif kienet fis-sena 1998. Jikkonferma pero, li dak li qal hu, kien gie rapportat fedelment fl-intervista li giet pubblikata. Jghid li kien qal li wahda mir-ragunijiet 'l ghaliex jista ikun hemm nuqqas ta' nurses, huwa l-fatt li n-numru rapportat ufficcjalment fil-kotba, ma jirriflettix rejalment dak in-numru ta' nurses li effettivament qed jahdmu fis-servizz. In fatti ighid li hemm numru ta' nurses li ghandhom it-tqala

taghhom, li ghandhom *maternity leave* u anke *paternal leave* izda waqt dan il-perijodu jkunu ghadhom registrati fuq il-kotba bhala qedin jahdmu. Ghalhekk dan il-fatt jikkreja problema fuq in-nurses li jkunu qed jahdmu, ghaliex jikkrejaw problema ta' nuqqas ta' *staff*. Jikkonferma li minn ricerka li ghamel, in-nisa nurses jiehdu aktar il- *maternity leave* milli jiehdu l-irgiel nurses w ghalhekk qal li problema ohra hi li numru kbir ta' nurses huma irgiel f'dan ir-rigward.

Rat l-affidavit ta' **Colin Galea,** Segretarju Generali tal-MUMN ipprezentat il-Qorti nhar id-disgha (9) t'Ottubru 2007 (fol. 28) fejn ikkonferma li hu, flimkien mal-President imexxu l-Union li ghandha elfejn u erba' mitt membru registrat maghha. Jghid li m'hemm ebda restrizzjoni ta' sess ghal min irid jidhol membru u fir-realta ghandhom aktar membri tas-sess femminili milli tal-istess sess maskil. Ikkonferma wkoll li fis-sezzjoni tal-Midwives, in-nurses huma kollha nisa.

Qal illi huwa jhoss ruhu ingurjat bl-artikolu li kiteb l-konvenut wara li kien gie pubblikat artikolu ta' Rudolph Cini, li dak iz-zmien kien President tal-Union. Jghid li fil-fehma tieghu, min qara dan l-artikolu tal-konvenut, inghata l-impressjoni li l-Union ghandha affiljazzjonijiet politici ghaliex donnha l-operat taghha tul il-Gvern Laburista, kien differenti minn dak tul il-Gvern Nazzjonalista. Ikkonferma li l-artikolu nkiteb fi zmien meta l-Union MUMN riedet tissieheb fl'MCESD w ghalhekk tali nsinwazzjonijiet politici, fil-fehma tieghu, ghenu sabiex ifixklu l-Union f'dak li kienet qed taghmel.

Jghid ukoll li hass ruhu ngurjat meta l-konvenut ighid li l-hsieb ta' min jopera l-Union huwa wiehed *chauvinistic* u *discriminatory* u jinghad li l-artikolu jaggrava l-fattur ta' diskriminazzjoni meta ighid li l-Union '*would do more good to focus on how t improve the conditions of its members particularly female workers'.* Jghid li l-Union ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn is-sess tal-membri taghha. Jikkonferma li l-Kunsill dak iz-zmien kien kompost minn disgha membri u erbgha minnom huma nisa. Jghid li dawn il-kummenti zgur li jaffettwaw l-integrita tal-Union

kemm lokalment, kif ukoll barra minn Malta ma dawk l-istituzzjonijiet Internazzjonali.

Semghet lill-konvenut **Jesmond Sharples** jixhed nhar l-ghoxrin (20) ta' Novembru 2008 (fol. 32) u stqarr li huwa jokkupa l-kariga ta' Direttur tas-Servizz Infermjeristici u huwa wkoll Kap tad-Dipartiment tas-Sahha. Huwa kkonferma li huwa l-awtur tal-artikolu li jinsab esebit f'dawn l-atti u mmarkat bhala Dok. A, fol. 2 tal-process. Ikkonferma wkoll li huwa kiteb dan l-artikolu wara li kien gie pubblikat artikolu iehor minn l-awtur Rudolph Cini.

Jispjega illi huwa kien prezenti meta l-awtur Rudolph Cini ta' x-xhieda tieghu fejn primarjament kien ilmenta dwar zewg punti u cioe li hemm allegat *shorage* ta' nurses fid-Dipartiment tas-Sahha u li l-Union tmexxi b'diskriminazzjoni.

Dwar l-ewwel punt ighid li huwa kellu jirrispondi ghall-artikolu tieghu ghaliex fil-kariga tieghu ghandu r-responsabilita tan-nurses w ghalhekk ghandu jassigura li ma hemmx *shortages* ta' nurses u dan ghaliex jaffettwa s-servizz li jinghata minnhom kif ukoll l-kwalita ta' servizz.

Jispjega u jghid bil-kelma '*shortage*' li intuzat minnu, ried ifisser li per ezampju fl-Uganda, fejn ghandhom *ratio* ta' sitt infermier ghal kull mitt elf persuna, din tfisser li verament hemm *shortage* serja. Jghid li f'Malta qedin 'l fuq mill-*average* Ewropej. Hawn Malta hawn 556 infermier ghal kull elf persuna. Din hija l-istatistika tas-sitwazzjoni fis-sena 2005. Illum zdiedu. Dan nonostante, l-Presient tal-MUMN jghid li hawn '*shortage*', u kien ghalhekk li hass li kellu jirrispondi ghall-artikolu tieghu. Jispjega li fl-artikolu tieghu, huwa jattaka l-logika tal-argument u mhux l-persuna.

Jikkonferma li kien fis-sena 1997 li twaqqaf id-Direttorat ghas-Servizzi ta' l-Infermiera u l-ewwel rapport kien gie prodott fis-sena 1988 u kien ghalhekk li uza din is-sena bhala *bench mark*. Jghid li minn dak iz-zmien sas-sena 2005, ma tantx kien hemm espansjoni kbira fis-servizz w ghalhekk seta' jkejjel '*like with like.'* Jghid li l-fatt li

Rudolph Cini jinsinwa li huwa uza is-sena 1998 biex jindika l-amministrazzjoni l-ohra, hija dikjarazzjoni misthajla, ghaliex fir-realta f'dik is-sena in effetti, kien hemm zewg amministrazzjonijiet w ghalhekk dak li sehh fis-sena 1988 jekk xejn, kien responsabilita tal-amministrazzjoni precedenti wkoll.

Dwar il-kwistjoni ta' diskriminazjoni jghid, li huwa isemmiha fl-artikolu tieghu minhabba dak li kien gie rapportat minn Cini fl-intervista li kien irrilaxxja.

Nhar l-erbatax (14) ta' Jannar 2004 huwa esebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. JS, id-dokuemnt li jindika in-numru ta' nurses fl-Afganistan, id-Dok. JS 1 li jirreferi ghas-sitwazzjoni fl-Uganda u d-Dok. JS 3 ghas-sitwazzjoni hawn Malta li jiccita ir-*ratio* ta' 85.83 nurse ghal kull elf persuna. Huwa esebixxa wkoll d-Dok. JS 4 li jaghti tifsira ghal kelma *nurse* fl-istatistika. Id-Dok. JS 5 huwa estratt mill-*annual report* tad-Directory Nursing Service fis-sena 1998 u fit-tieni pagna tieghu hemm it-total ta' nurses indikat fl-ammont ta' 616 infermier ghall-Isptar San Luqa, filwaqt li fuq wara ta' dan id-dokument, hemm indikat li f'Malta b'kollox hemm 1,524 nurse.

Jikkonferma li dan huwa l-A*nnual Report* li hareg mid-Dipartiment tas-Servizzi Infermeristici minn meta twaqqaf. Id-Direttorat beda jiffunzjona fis-sena 1997 u din hija l-ewwel statistika li kienet *available*. Huwa esebixxa wkoll dokument iehor, li gie markat bhala Dok. JS 6, fejn jindika li fis-sena 2005, it-total ta' nurses fl-Isptar San Luqa, huwa ta' 987 filwaqt li t-total ta' nurses f'Malta b'kollox dak iz-zmien, kien ta' 2,335 nurse. Ghalhekk, a bazi ta' dawn l-istatistici, jista jsir paragun bejn in-numru ta' nurses li kien hemm fis-sena 1998 u dawk li kien hemm fis-sena 2005 u cioe li kien hemm tkabbir ta' kwazi hamsin fil-mija.

In kontr'ezami l-konvenut jghid li m'huwiex tesserat mal-Partit Nazzjonalista u kkonferma li l-artikolu fil-gazzetta, kitbu fil-kapacita tieghu ta' Kap ta' Dipartiment Governattiv. Huwa tenna li l-ewwel statistika li d-Dipartiment ghandu tan-Nursing Services li twaqqaf fis-sena 1996 huwa mehud fis-sena 1998 u dan huwa l-

*bench mark* li ghandu u li fuqu ghamel il-*comparisons*. Jghid li l-kritika li ghamel Rudolph Cini fl-artikolu tieghu bhala President tal-MUMN, m'ghandhiex kredibilta, huwa bbazat fuq il-fatt li mis-sena 1998 sas-sena 2005, l-i*staff* zdied b'hamsin fil-mija w ghalhekk mhux kredibbli meta dan Cini jghid li hemm *serious shortages* fl-i*staff* ghas-sena 2005. Enfasizza li Malta hija EU *average* w ghalhekk m'hemmx in-nuqqas serju fl-ammont ta' nurses li hemm. Mistoqsi jghid ghaliex huwa ghajjar lil Cini bhala *chauvinistic* u l-kummenti li jghaddi huma deskriminatorji, huwa jghamel referenza ghall-artikolu ta' Cini, meta *ex admissis* jghid li '*another problem is that the large majority of nurses are still women'* u dan ifisser ghalhekk li ghalih hija problema li l-maggor parti tan-nurses hija maghmula minn nisa u kumment bhala dan, huwa diskriminatorju.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-atturi qed jallegaw li l-konvenut rrenda ruhu hati ta' malafama a tenur tal-Press Act permezz ta' artikolu li huwa ppubblika fil-gazzetta 'The Times' fil-harga tat-tlieta (3) ta' Jannar 2006, billi l-konvenut attribwixxa lill-atturi, fatti determinant bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama taghhom jew billi jesponihom ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku. Konsegwenza ta' dan l-agir, l-atturi sofrew danni.

Illi l-konvenut ta zewg difizi partikolari ghall-kawza ta' libel imressqa fil-konfront tieghu.

Dawn huma li gejjin:-

I. Illi l-atturi la huma identifikabbli f'tali artikolu.
2. Illi tali artikolu ippublikat jikkonsisti f'*fair comment* u l-eccipjent huwa intitolat jesprimi l-opinjoni tieghu u l-fehma tieghu, a tenur tad-dritt fondamentali tieghu skond il-ligi, il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeaja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-Qorti sejra l-ewwel tittratta ma l-ewwel ecezzjoni tal-konvenut, u cioe li l-atturi m'humiex identifikabbli fl-artikolu li kiteb.

**<u>Konsiderazzjoni ta' Dritt</u>**

Wiehed mill-kriterji fondamentali tal-libell fil-ligi Ingliza hu li:

"*The statement must refer to the aggrieved party either directly or indirectly. It is therefore a requirement that the one who claims defamation must be able to point to their identification within the publication.*"

Illi 'n linea ta' konsiderazzjoni ta' dritt, l-Qorti tghamel referenza ghas-sentenza ta' l-Qorti ta' l-Appell ta' nhar il-hmistax (15) ta' Jannar 1997 fl-ismijiet "**<u>Farrugia vs Fava</u>**" li tghid dak li gej:-

"*Dwar l-identifikazzjoni tal-persuna allegatement malafamata, hu ghal kollox immaterjali x'kienet l-intenzjoni ta' l-artikolista jew x'kellu f'rasu meta kiteb l-artikolu jew jekk f'mohhu dik il-persuna kienitx jew le identifikata. Hu ghal kuntrarju materjali t-test ta' l-artikolu u jekk il-qarrej ordinarju anke jekk ben informat meta jaqra l-artikolu jasalx biex jidentifika l-persuna ta' l-attur. Dana b'mod naturali u minghajr processi kumplikati ta' eliminazzjoni jew analizi xort'ohra. Dan ukoll b'certu grad ta' certezza' (ara ukoll f'dan is-sens* ***<u>Dr. Callus vs E Privitera</u>*** *datata disgha (9) ta' Frar 1984 – Vol LXV111 pt 5 pg 313;* ***<u>Onor. Joseph Fenech vs Louis Cauchi et</u>*** *datata sittax (16) ta' Jannar 2002 it-tnejn decizi mill-Qorti ta' l-Appell.*"

Din il-qorti tghamel referenza ghal sentenza ohra moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Jannar 2005 fl-ismijiet **<u>Dr. Mario Vella et noe vs Dione Borg et</u>** fejn hemm referenza ghal ktieb ***Libel and Slander*** ta' **Carter Rock**.

Huwa jghid:-

"*The sole relevant question in every case is: would reasonable persons understand the words to refer the particular plaintiff? Factors to be considered in dealing this question are, as Lord Porter pointed out in Knupffen's*

*case "the size of the class, the generality of the charge and the extravagance of the accusation*."

**Robertson** fil-ktieb ***Media Law*** pg 57/58 jghid:

"*Any story that carries the imputation of discreditable conduct by somebody will be actionable by a plaintiff qho can show that at least some readers would recognise him as the prson being criticized".*

Filwaqt li **Gatley** fil ktieb ***Libel and Slander*** 8th Edition p. 280 et seq jipprovdi li:

"*There is abundant authority to show that it is not necessary for everyone to know to whom the article refers, this would in many cases be an impossibility; but if.........a substantial number of persons who knew the plaintiff reading the article, would believe that it refers to him an action assuming the language to be defamatory, can be maintained*."

F'dan il-kaz l-konvenut minnufih ha r-responsabilita ta' dak li kiteb u qal li huwa kien qed iwiegeb ghall-artikolu li kien kiteb l-attur Rudolph Cini bhala President tal-MUMN fil-gazetta 'The Malta Independent' nhar is-sebgha w ghoxrin (27) ta' Dicembru 2005. Illi huwa jghid li hass li kellu jirrispondi ghal dan l-artikolu ta' Rudolph Cini, bhala Kap tan-Nursing f'Malta, ghaliex hass li dak miktub minnu, ma kienx minnu u kien qed jaghti messagg hazin lis-socjeta dwar il-qada ezatta tan-nursing f'Malta.

Illi huwa minnu li l-konvenut ma jsemmix lill-atturi personalment izda ighamel refernza ghal attur Rudolph Cini bhala Presient tal-MUMN u ghal dak li qal l-istess Cini f'isem il-MUMN w ghalhekk l-konvenut hass li kellu jirrispondi dawn l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-MUMN. Illi verament l-atturi, salv u b'eccezzjoni ghal Rudolph Cini, ma jissemmewx b'mod individwali, pero meta l-konvenut wiegeb ghal artikolu b'referenza ghal MUMN, kien qed ifisser u jzomm responsabbli ghal dak li gie raportat lil kumitat tal-MUMN.

Ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut qed tigi michuda.

Dwar it-tieni eccezzjoni u cioe jekk l-artikolu 'n kwistjoni jammontax ghal *fair comment*, il-Qorti ghandha s-segwenti sottomissjoni x'taghmel.

Hemm tlett definizzjonijiet li jissottolinejaw l-elementi essenzjali ta' malafama. Dawn id-definizzjonijiet gew fil-fatt addottati mill-Qrati taghna tul il-medda ta zmien. Dawn jinvolvu s-segwenti;

*1. A statement concerning any person which exposes him to hatred, redicule or contempt, or which causes him to be shunned or avoided, or which has a tendency to injure him in his office, profession or trade.*

*2. A false statement about a person to his/her credit.*

*3. A statement of words which tend to lower the plaintiff in the estimation of the right thinking members of society generally.*

Fi kliem iehor ghalhekk u ta relevanza ghal kaz in kwistjoni, l-artikolu jkun libelluz, jekk jikkontjeni dikjarazzjoni falza jew mhux veritjera jew inaqqas il-gieh tal-attur fil-konfront tas-socjeta 'n generali.

Dwar id-difiza ta' *fair comment*' sollevata mill-konvenut, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Reginald Miller vs Harold Scorey (**XXXV1.1V.843) meta ntqal

"*F'materja t'ingurja bl-istampa ghandha issir distinzjoni bejn allegation of fact u dak li huwa comment. Biex tirnexxi id-difiza tal-verita tal-fatti, il-fatt ghandu jigi ppruvat. Il-comment biex ikun gustifikat irid jkun fair and bona fide u ma jistax ikun fair u bona fide jekk il-fatt attribwit lill-kwerelant ma jkunx veru.*"

Illi in oltre l-Qrati nostrali dejjem irribadew li sabiex tirnexxi id-difiza tal-'*fair comment*', ghandu jsir ezami tal-artikolu kollu kif intqal fis-sentenza **<u>Dom Mintoff vs Thomas Hedley et</u>** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Novembru 1953 u cioe li:

"*Wiehed ghandu jhares mhux biss il-bran denunzjat, imma l-artikolu kollu li jikkontjeni tali bran. U F'din il-materja hu elementari li wiehed jikkonsidra mhux dak li setgha talvolta kellu f'rasu min kiteb l-artikolu, imma dak li fil-fatt kiteb, ghaliex dak hu li jaqra l-qarrej*."

Ghalhekk isegwi illi ma tistax tirnexxi l-eccezzjoni tal-*fair comment* jekk;

"*Ma jigix ippruvat sodisfacentement, il-fatti addebitati lill-kwerelant u ma tistax tirnexxi d-difiza tal-justification ujekk il-fatti jkunux very, lanqas jista jkun hemm fair comment.*" (Vide **<u>Lino Debono vs Saviour Balzan deciza</u>** nhar s-sebgha w ghoxrin (27) t'April 2004 mill-Qorti ta' l-Appell u **<u>Paul Josef Vassallo pro et noe vs Felix Agius</u>** deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-hamsa w ghoxrin (25) t'April 2007 li minnha ma gie ntavolat l-ebda appell.

Issa sabiex isir dan l-esami wiehed irid jiehu l-kliem fis-sens normali u ordinarju taghhom u dan ifisser '*in the meaning which reasonable or ordinary men of ordinary intelligence of world affairs would be likely to understand them*". Dan jista jinkludi "*any implication or interference which a reasonable reader would be guided not by any special but general knowledge and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the word*." (**<u>Jones vs Skelton</u>** (1963) W.L.R pg 1371 PC).

Inghad fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar t-tmienja (8) ta' Gunju 1999 fl-ismijiet **<u>Onor. Seg. Parlamentari Dr. Joseph Fenech vs Evarist Bartolo nomine</u>** inghad, li anke jekk l-allegazzjoni ma tkunx giet espressament miktuba izda mill-assjem tal-artikolu johrog car x'ikun qed jigi manifestament implikat, hemm kawza ta' libel, jekk tali allegazzjonijiet ma jigux ippruvati.

T'importanza u ta' rilevanza kbira ghal din il-kawza l-Qorti qed tabbraccja dak li intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Mons Anton Gauci vs Michael Schiavone et** deciza fil-tmienja (8) ta' Novembru 1995, ghaliex meta ngurja hija diretta kontra persuna fizika "il-margini ta' tolleranza twessa u mhux kull kumment qawwi w anke azzardat, jikkwalifika bhala ingurja," "dan il-Qorti ghandha tippermetti l-attitudni fil-kritika li tista tkun mhux biss iebsa izda ukoll azzardata entro l-limiti accettati tad-dicenza permessibli f'socjeta demokratika" u tali regoli ghandhom jigu applikati b'iktar wiesgha f'kazijiet li lejha hija ndirizzata tali kritika tkun ta' certa notorjeta pubbblika, il-kritika tkun t'interess pubbliku u fejn l-kritika tkun ibbazata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri. (vide f'dan ir-rigward **Emmanuel sive Lino Zahra vs Rev Fr. Emmanuel sive Noel Grima** Cit Numru 123/99 u **Profs Anthony de Bono vs Fr. Noel Grima** Cit numru 124/99 decizi mill-Prim Alwa tal-Qorti Civili nhar t-tlieta (3) t'Ottubru 2000.)

Minn ezami tax-xhieda li ta l-attur Rudolph Cini nhar it-tlieta w ghoxrin (23) ta' Gunju 2006, jirrizulta li huwa hass ruhu ngurjat b'dak li l-konvenut kiteb f'zewg partijiet partikolari.

Fl-ewwel lok jghid li hass ruhu ngurjat meta l-konvenut jghid "*If the latter is symptomatic of a serious shortage what was that in 1998? Here is MUMN's credibility at stake.*"

Jinghad pero li qabel m'ghamel din l-asserzjoni, l-istess konvenut jispjega li llum il-gurnata s-sitwazzjoni ta' nurses li qed jahdmu mas-servizz pubbliku, huwa l-aktar gholi li qatt kien u jghid li ghalhekk il-kritika tal-attur Rudolph Cini fl-artikolu tieghu orecidenti m'huwiex gustifikat. Jispjega fix-xhieda tieghu li qabel is-sena 1997 id-Dipartiment tan-Nursing ma kellux statistika dwar id-dhul fis-sens ta' *recruitment* ta' nurses mad-Dipartiment tas-Sahha u kien biss f'din is-sena li saret l-ewwel statistika u kien ghalhekk li huwa ghamel komparazzjoni mas-sena 1998 u cioe mal-ewwel *available records*. B'dak li huwa rraporta, m'hemmx dubbju li l-konvenut ried ifisser li l-Union tal-MUMN ma tafx l-posizjoni attwali dwar l-ingagg tan-

nurses, ghaliex kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni esebita, in-numru ta’ reklutag tan-nurses, zdied bid-doppju f’dawn l-ahhar snin w ghalhekk zgur li l-attur ma setghax jghid li hemm *serious shortage*.

Fit-tieni lok l-attur Cini ighid li hass ruhu ngurjat meta fit-tieni kolonna fl-ahhar paragrafu tal-artikolu fuq citat tal-konvenut, jghid li l-Union tal-MUMN hija *chauvinistic and discriminatory* fil-hsieb taghha. Hawnhekk l-konvenut jghid li dak li qal huwa minnu ghaliex l-attur fl-artikolu tieghu jghid il-kliem “*another problem is that the majority of nurses are women*”. M’hemmx dubbju li kumment bhal dan huwa diskriminatorju fis-sustanza w ghalhekk zgur l-atturi m’ghandhomx ihossu ruhhom malafamati b’dan id-diskors li qal l-konvenut.

Jigi rilevat li l-attur Colin Galea, Segretarju tal-MUMN, jghid li hass ruhu ngurjat ukoll bl-istess parti kif indikati mill-attur Rudolph Cini w ghalhekk a skanz ta’ ripetizzjoni, l-Qorti tghamel referenza ghal dak li ntqal aktar ‘l fuq f’dan ir-rigward.

Il-Qorti thoss li permezz tax-xhieda dettaljata tieghu l-konvenut irnexxilu jipprova ghas-sodisfazzjon taghha li dak li qal fl-artikolu minnu miktub huwa minnu u jikkostitwixxi ‘*fair comment*’.

**Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, qieghda tilqa it-tieni eccezzjoni tieghu u tiddikjara li dak li rraporta l-konvenut, jammonta ghal *fair comment* u konsengwentement qieghda tichad it-talba tal-atturi.**

**L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jithalsu *in toto* mill-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------